Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Oriana Spiteri]

vs

Sandro Calleja

Kumpilazzjoni Numru: 527/18

Illum, 17 ta' Gunju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Sandro Calleja detentur tal-karta tal-identita` numru 555177M akkuzat talli gewwa l-Birgu nhar id-19 ta' Awissu 2018 ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar (13:00hrs):

**a)** volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' ***Matthew Mercieca*** hekk skond ma' iccertifika **Dr.** ***Alexandra Baldacchino Reg 2180*** u dan minhabba mibgheda kontra persuna jew grupp ta' persuni fuq bazi ta opinjoni ohra u dan bi ksur ta' ***Artikolu 216, 83(b) u 222A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

**b)** hebb kontra il-persuna ta' ***Matthew Mercieca*** sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor u dan bi ksur ta' ***Artikolu 339 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

**c)** ghamel lil ***Matthew Mercieca*** u/jew lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jew jekk kienu ipprovokati, jingurjaw b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni bi ksur ta' ***Artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta***

**d)** kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied bi ksur ta' ***Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9***

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inklusa fil-mori tal-kawza kontra *Sandro Calleja*, a beneficju ta, *Matthew Mercieca u familjari tieghu* u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' *Matthew Mercieca, u l-familjari tieghu* jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil *Sandro Calleja* b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti finalment giet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi *Sandro Calleja* sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe`:

a. Fl-artikoli 64, 214, 215, 216, 338 (dd), 339 (d) (e) u 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat li hija netta;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrija tal-imputat;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat argument li nqala' fit-triq gewwa l-Birgu fejn certu Matthew Mercieca spicca sofra feriti gravi.

Fl-istqarrija tieghu **Sandro Calleja** qal li qatt ma tressaq qabel quddiem il-Qorti. Ikkonferma li huwa dilettant tal-festa fejn huwa partitarju mal-kazin ta' San Lawrenz tal-Birgu. Huwa qal li jaf min hu Matthew Mercieca. Ikkonferma li kien jaf ukoll li Matthew huwa partitarju ta' San Duminku tal-Birgu. Dwar il-glieda li nqalghet nhar id-19 ta' Awwissu 2018 qal li kien f'Triq il-Mandragg, Birgu mat-tifla tieghu ta' seba' snin fejn kienu sejrin jieklu ghand ommu. Matthew kien gej mit-triq opposta fejn l-imputat qal li baqa' b'rasu baxxuta u Matthew beda jipprovokah fejn kien qed jghidlu "trembel, trembel" tul it-triq kollha. Kif l-imputat wasal hdejn ommu Matthew baqa' jipprovokah u dahal fil-karozza fejn l-imputat mar jistaqsih jekk kienx qed jghid ghalih u Matthew qallu: "*ghax jien fil-festa taghkom nigi.*" L-imputat qal li rega' mar fil-parapett t'ommu u kif Matthew saq hareg ghalih mill-karozza u kif l-imputat rah gej qal li avvicinah. Qal ukoll li Matthew kellu riha ta' xorb meta mar ikellmu hdejn il-karozza. Qal li kif gew wicc imb'wicc Matthew qabdu minn ghonqu u tefghu mal-hajt fejn l-imputat iddefenda ruhu billi xejjer qasrija tal-plastik li kienet f'idejh. Wara ma jafx x'gara ghax gew in-nies u kien hemm il-paniku. Qal ukoll li l-mara ta' huh, Katia Calleja, spiccat mal-art. Qal li dak il-hin beda jkellem lil Matthew fejn beda jghidlu li biex imur u Matthew qallu li jrid isibu wahdu. Wara

mar l-*clinic* ghax hassu stordut u kellu d-demm ma' rasu. L-imputat qal li qatt ma kellu xi kwistjonijiet la ma' Matthew u lanqas mal-familjari ta' Matthew. L-imputat kien iddijkara li ma jridx ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni - dikjarazzjoni esebita a fol. 5 tal-process.

Xehed **Matthew Mercieca** li qal li jrid jahfer lill-imputat u li jrid iwaqqa' kollox. Huwa qal li ma jixtieqx jixhed kontra l-imputat anki invista tal-fatt li jista' jkun li ser ikun hemm proceduri kontrih fuq l-istess incident.

Xehdet **Kirsty Bonello** li qalet li kienet ukoll parti minn dan l-incident u li hija wkoll tixtieq tahfer lill-imputat u ma tridx tixhed biex ma tinkriminax ruhha.

Xehdet **Shelly Mercieca** li wkoll qalet li trid tahfer lill-imputat u li ma tridx tixhed biex ma tinkriminax lilha nnifisha.

Xehdet l-**Ispettur Oriana Spiteri** li qalet li nhar id-19 ta' Awwissu 2018 giet infurmata li certu Matthew Mercieca mar l-ghassa ta' Bormla sabiex jaghmel rapport kontra Sandro Calleja stante li dan hebb ghalih u kkagunalu feriti ta' natura gravi fuq rasu. Hija

esebiet ritratti li gew immarkati bhala Dok. OS1 (a fol. 37 u 38 tal-process) fejn tidher il-qasrija li allegatament Sandro Calleja uza biex ta daqqa ta' ponn lil Matthew Mercieca.

Xehed **PC1283 Fortune Calafato** li qal li dakinhar tal-argument huwa kien l-ghassa fejn dahal Matthew Mercieca jirrapporta lill-imputat. Matthew Mercieca mbaghad ipprezenta certifikat mediku mahrug mit-tabib Dr. Alexandra Baldacchino fejn gie iccertifikat li qed isofri minn griehi ta' natura gravi fejn kellu jaghmel ukoll il-punti f'rasu. Gewwa l-ghassa Matthew kien qal lix-xhud li kien sejjer lejn il-vettura tieghu ma' ibnu fejn dak il-hin qallu l-frazi '*ser titrembel*'. Kien hemm ukoll il-kugina tat-tifel, Shelly Mercieca, fejn irrispondietu bil-kliem '*issa trembel fis-sodda*'. Qal li dak il-hin tad-diskors kien ghaddej Sandro fit-triq li x-xhud identifika bhala l-imputat fl-awla. Matthew kompla jghidlu li Sandro beda jaghmel xi sinjali b'idejh u meta Matthew beda jsuq Sandro beda jigri warajh. Matthew waqqaf il-karozza u staqsih ghal fejn kien qed jaghmel hekk. Ix-xhud esebixxa r-rapport li huwa ghamel dakinhar tal-argument li gie mmarkat bhala Dok. FC1.

Xehdet **Dr. Alexandra Baldacchino** li kkonfermat ic-certifikat mediku rilaxxat minnha a fol. 15 tal-process fejn dwar in-natura tal-griehi gie rrimarkat is-segwenti: "*Grevious in view of possible scarring and being a head injury*".

Xehdet **Katia Calleja** li qalet li kienet sejra l-bahar bit-tifla fejn rat karozza li waqfet f'nofs it-telgha fejn "*beda jghidlu mhux issa nsibek bhal speci, mhux issa insibek. Imbaghad rajt lil Sandro Calleja tiela t-telgha, f'daqqa wahda waqqaf il-karozza, hareg mill-karozza l-iehor, ghax ma nafx x'jismu u qabdu minn ghonqu bhal speci u tefghu mal-hajt, u jiena mort biex nikkalma s-sitwazzjoni u kien hemm il-partner tieghu harget mill-karozza, lili imbuttatni mal-art. Kif ha nqum niddefendi ruhi tohrog ohra mill-karozza regghet imbuttatni mal-art u l-bqija ma nafx x'gara, ghax imbaghad gew il-girien u hekk.*" In kontro-ezami x-xhud ikkonfermat li rat lil Masu (ix-xhud irreferiet ghal Matthew bil-laqam tieghu ghax insiet ismu) johrog mill-karozza u jmur ghal Sandro Calleja. Hija kkonfermat illi kien il-Masu li kien qed jghid lil Sandro *"issa nsibek"*. Qalet ukoll li tigi l-mara ta' hu l-imputat.

Gie riprodott **Matthew Mercieca** sabiex jigi stabbilit jekk il-ferita ghadhiex tidher jew le fejn il-Qorti rrimarkat illi mhijiex qed tara

l-ferita. Il-parte civile Matthew Mercieca kkonferma huwa stess li l-ferita m'ghadhiex tidher. Huwa kkonferma wkoll li minn dakinhar 'il quddiem ma regax mar il-*clinic* habba l-ferita u m'ghandu l-ebda *side effects* habba l-istess ferita.

Rat il-verbal tad-19 ta' Novembru 2018 fejn il-partijiet qablu li m'hemmx htiega ta' nomina ta' espert ghaliex il-feriti ma hallew ebda marka.

Xehed ukoll l-imputat **Sandro Calleja** li qal li kien miexi mid-dar tieghu f'Birgu s'ghand ommu (li wkoll toqghod il-Birgu) mat-tifla tieghu fejn hareg Matthew mit-triq opposta li wkoll kien bil-mixi. Huwa qal li lil Matthew jafu ghax huwa mill-Birgu bhalu izda qatt ma kellu kwistjonijiet mieghu. F'hin minnhom Matthew gie warajh u beda jghid il-kliem: "*trembel, dan jitrembel"*. Huwa spjega li din il-kelma kienet qed tintuza fuq *facebook* bejn il-partitarji. Qal li Matthew dam ghaddej jghid hekk it-triq kollha. L-imputat stqarr li huwa qatt ma tkellem ma' Matthew fuq il-festa. Huwa qal li baqa' miexi sakemm wasal ghand ommu fejn dahhal lit-tifla fil-parapett u mar ikellem lil Matthew biex jara ghalfejn kien qed jghidlu hekk. Qal li malli mar hdejh Matthew beda jghajjat mal-ewwel fejn beda jghid: "*ghax jien ninzel fil-festa taghkom*". Wara

li qal dan id-diskors l-imputat qal li rega' mar fil-parapett t'ommu u Matthew beda jsuq il-karozza fejn l-imputat qal li mbaghad irrealizza li martu kienet waslet biex tinzel ghal ghand ommu wkoll. Minhabba f'hekk huwa rega' beda jimxi lura fid-direzzjoni tad-dar tieghu *"li ma jmurx jieqaf u jghidilha xi haga"*. Skont l-imputat kif kien ser jibda t-telgha Matthew Mercieca waqqaf il-karozza u hareg minnha, nizel lejn l-imputat u qabdu mal-ewwel minn ghonqu fejn habbtu mal-hajt tal-monasteru tal-klawsura. Qal li Matthew Mercieca huwa "*big boy*" u qas kien jidher hdejh. Hekk kif beda jipprova jinqala': "*qbadt xi haga f'idi, ghall-ewwel qas indunajt, wara sirt naf x'inhi ezattament, kien pot … u bdejt qisni nxejjer bih u niddefendi ruhi"*. Spjega li wara gew hafna nies u lanqas jaf x'gara ezatt. L-imputat pprezenta certifikat mediku li gie mmarkat bhala Dok. SC1 fejn l-imputat gie ccertifikat li qed isofri minn griehi hfief salv kumplikazzjonijiet. L-imputat gie muri r-ritratti esebiti mill-Ispettur Oriana Spiteri (Dok. OS1) fejn huwa qal li dik ma kinitx l-istess *pot* li huwa qabad waqt il-glieda. Di fatti huwa esebixxa ritratti li gew immarkati bhala Dok. SC2 tal-*pot* li huwa qabad dakinhar waqt il-glieda. L-imputat zied jghid li meta mar ikellem lil Matthew Mercieca hdejn il-karozza tieghu xamm riha ta' xorb. Huwa qal li wara dakinhar tal-incident qatt ma rega' kellu kwistjoni ma'

Matthew Mercieca, anzi qal li fil-proceduri kontra Matthew spicca hafirlu u Matthew ried jara kif ser jghinu ghaliex l-imputat ghamel erba' xhur sospiz mix-xoghol b'nofs paga.

In kontroezami l-imputat ikkonferma li hassu offiz bil-kelma 'trembel' ghaliex baqa' jghidha l-hin kollu, wahda wara l-ohra. Mistoqsi jekk bil-*pot* laqat lil Matthew f'rasu l-imputat qal li ma jafx jekk laqtux jew le. Jaf biss li beda jxejjer il-*pot* biex jiddefendi ruhu. Mistoqsi darb'ohra jekk laqatx lil Matthew l-imputat rega' qal: *"hu lili habbatni rasi mal-hajt. Imbaghad kif irnexxili ninqala' minn mieghu bdejt inxejjer bih"* izda ma jafx jekk laqtux.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat illi fil-25 ta' Marzu 2019 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tinnota li l-parte civile f'dawn il-proceduri, u cioe` Matthew Mercieca, ghazel li ma jixhidx kontra l-imputat hlief

sabiex jghid li huwa qieghed jahfer lill-imputat u anki sabiex jikkonferma li l-ferita fuq rasu m'ghadhiex tidher. Ghaldaqstant il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li l-prova regina f'dawn il-proceduri hija mankanti.

Illi ghalhekk il-kwistjoni tibqa' jekk fil-fatt din il-Qorti ghandhiex bizzejjed provi sabiex tkun moralment u legalment sodisfatta oltre d-dubju ragjonevoli bil-kolpevolezza tal-imputat.

Fil-kaz odjern ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni li kienu prezenti waqt dan l-argument ukoll ghazlu li ma jixhdux kontra l-imputat hlief ghal certu Katia Calleja. Minkejja dan ix-xhieda taghha ma taghti l-ebda dawl fuq dak li ghamel jew m'ghamilx l-imputat stante li hija rat biss lil Matthew Mercieca jaqbad lill-imputat minn ghonqu fejn wara hija spiccat mal-art peress li harget persuna ohra mill-vettura u wadbitha mal-art. Ghalhekk minn din l-istess xhieda l-Qorti ma tistax tiddetermina x'ghamel l-imputat u di fatti wiehed ma jistax jghid li din ix-xhieda hija wahda cara.

Bhala stat ta' fatt ma hemmx provi dwar id-dinamika tal-incident. L-unika prova dwar din id-dinamika giet imressqa proprju mill-

imputat bit-testimonjanza tieghu fejn spjega li Matthew Mercieca gie fuqu, qabdu minn ghonqu u wadbu mal-hajt fejn sabiex jiddefendi ruhu beda jxejjer *pot* izda huwa qal li ma jafx jekk laqatx lill-parte civile b'din l-istess *pot*. Ghaldaqstant xorta wahda l-Qorti ma tistax tkun konvinta oltre kull dubju dettat mir-raguni li Matthew Mercieca spicca b'ferita fuq rasu minhabba l-agir tal-imputat.

Illi fid-dawl ta' dan il-Qorti ser tqis il-provi cirkostanzjali li gew prodotti mill-Prosekuzzjoni in sostenn tal-kaz taghhom.

Il-Qrati nostrani kellhom ic-cans li jiddibattu il-kwistjoni tal-prova cirkostanzjali f'numru ta' decizjonijiet.

Fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-dsatax (19) ta' Mejju elfejn u erbatax (2014) intqal li:

> *"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Fil-kawza bl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) il-Qorti sostniet is-segwenti:

> *"L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi".*

Fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) intqal illi:

> *"l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex*

*inisslu konvinciment morali f'moħħ il-ġudikant lil hinn minn kull dubju raġjonevoli mir-reita' ta' l-imputat."*

Ugwalment fil-kawża bl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Abela** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-ħdax (11) ta' Lulju elfejn u tnejn (2002) ġie ddikjarat illi:

*"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wieħed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-ġudikant iħossu moralment konvint li jista' jiġbed certi konkluzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wieħed m'għandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejħu "presumptions of fact"....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji ħafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistgħu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistgħu ikunu biss soġġettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjaħ "esprit de voiture". Umbagħad fejn ma jkunx hemm*

*xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin".*

Illi guristi Inglizi bhal per ezempju **Pollock C.B** (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice) dahal fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita' u qal is-segwenti:

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case*

*of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of. . .".*

Illi ghalhekk, mhux kull prova cirkostanzjali hija ugwalment importanti u b'sahhitha. Ghandha tkun infatti d-diskrezzjoni tal-gudikant li jizen kull bicca ta' evidenza migjuba fil-proceduri biex tigi ghall-konkluzjoni jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha oltre d-dubju ragjonevoli. Illi huwa risaput illi bi provi cirkostanzjali wehidhom, f'certi kazijiet, jista' jkun hemm htija.

Illi l-gudikant ghandu jkollu s-serhan tal-mohh li anke jekk ikollu prova cirkostanzjali wahda, dina ghandha tkun bizzejjed sabiex ikollu l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li l-imputat ikkommetta dak id-delitt.

Fil-kaz odjern il-provi cirkostanzjali jikkonsistu fix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur, fic-certikat mediku esebit mill-istess Ufficjal Prosekutur, fl-istqarrija tal-imputat u fir-rapport redatt minn PC1283 Fortune Calafato.

Illi l-Qorti tirrimarka li dak li xehdet l-Ispettur Oriana Spiteri u dak li xehed PC1283 Fortune Calafato huwa kollu *detto del detto.*

Illi l-Qorti kkunsidrat ukoll li ghalkemm gie pprezentat certifikat mediku dwar il-griehi sofferti, il-parte civile lanqas biss xehed dwar l-istess u ghalhekk il-Qorti ma tistax tkun konvinta dwar min ikkawza dawn il-griehi u jekk dawn gewx b'konsegwenza tal-incident in diskussjoni. Ghaldhekk l-istess griehi ma gewx ippruvati skont il-grad rikjest mil-Ligi.

Wara li l-Qorti ezaminat kull bicca ta' evidenza migjuba fil-proceduri odjerni tqis li l-provi cirkostanzjali prodotti mill-Prosekuzzjoni m'ghandhom l-ebda valur probatorju u ghalhekk l-istess provi ma jwasslux lill-gudikant biex ikun moralment konvint lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta` tal-imputat.

Illi minkejja li gew prodotti provi cirkostanzjali mill-Ufficjal Prosekutur ghandu jinghad illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha oltre d-dubju dettat mil-ligi.

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat treggi legalment u dan ghaliex kif jghid **Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890)**:

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat fil-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi ppruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioe` oltre kull dubju dettat mir-raguni. Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** fejn inghad li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat mhux hati, izda hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti

tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372*** fejn inghad illi:

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Fil-kaz odjern ma tresqet l-ebda prova li tikkonvinci lill-Qorti oltre kull dubju dettat mir-raguni u ghalhekk ma tistax issib htija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Sandro Calleja hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**